Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,498, 23 ta' Ottubru, 2009
Taqsima B

A.L. 296 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 167 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2009 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. It-Tieni Parti tal-Kors tinfirex fuq medda ta' tliet snin u tinkludi taqsimiet studju obbligatorji u mhux obbligatorji, li għalihom hemm assenjati 180 kredtu.

Dawn jinkludu l-kitba ta’ dissertazzjoni ta’ 12,000-15,000 kelma. Id-dissertazzjoni għandha tinkiteb skont il-kriterji stabbiliti mill-Bord.”